*GILJOTTINA*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 24 t'Ottubru 2001

**Numru : 10**
**Citaz. Numru : 148/01/RCP**

**Flock Hatchers Company Limited**

**vs**

**Little Broilers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' hdax-il elf, mitejn u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm11,220.21), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' flieles u ghalf

ikkonsenjati lilha u mhux imhallsa kif jidher mill-'invoice' hawn annessa u mmarkata 'Dokument A'.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, u dan anke permezz ta' l-ittra bonarja datata 16 ta' Jannar, 2001, izda baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici;

Ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, mitejn u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm11,220.21), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' flieles u ghalf ikkonsenjati lilha u mhux imhallsa kif jidher mill-'invoice' hawn annessa u mmarkata 'Dokument A'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 16 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** b'dan illi:

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, mitejn u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm11,220.21), rappresentanti bilanc ta' prezz ta'

flieles u ghalf ikkonsenjati lilha u mhux imhallsa kif jidher mill-'invoice' mmarkata 'Dokument A'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 16 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**24 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**24 ta' Ottubru, 2001**